**11 ta' April, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Publio Fenech

*versus*

Alfred Bartolo

**Appalt — Difetti fix-Xogħol — Danni — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Hu veru li jeħtieġ issir distinzjoni bejn is-sempliċi dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni, li tivverti fuq l-"an", u l-likwidazzjoni tal-istess danni, li tivverti fuq il-"quantum"; iżda anki għas-sempliċi deklaratorja ta' responsabbiltà għad-danni, jeħtieġ li l-Qorti tkun soddisfatta li mhix eskluża l-possibbiltà tad-danni.*

*Għaldaqstant, jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad eżegwixxa x-xogħol ħażin, u fil-fatt ix-xogħol ikun fih xi difetti, dan ma hux biżżejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli għad-danni; għax jekk id-difetti riżultati huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a soddisfazzjon tagħha, ma jagħtux lok għal danni, id-deklaratorja tar-responsabbiltà għad-danni ma hix ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinifikanti u riparabbli malajr, li l-azzjoni tal-appaltant ikun fiha l-element ta' dik li fid-Dritt Ruman tissejjaħ "emulazzjoni"; li għandha tiġi repressa.*

*Il-fatt li x-xogħol rikjest biex jirranġaw ruħhom dawk id-difetti żgħar hu talment żgħir li l-kawża setgħet aġevolment saret fil-Qrati Inferjuri, u setgħu jiġu evitati l-ispejjeż akbar ta' kawża fil-Qrati Superjuri, hu motiv ta' temperament fil-kap tal-ispejjeż; apparti minn raġunijiet oħra li jista' jkun hemm fil-fattispeċe favur dan it-temperament.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu

1957 (li tagħha hemm kopja fol. 31) u s-solitu rijassunt tal-proċess fiha kontenut;

Trattat ulterjorment l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi mill-ewwel perizja, u minn dik addizzjonali, kostitwiti f'din il-kawża, ma jirriżultax, kuntrarjament għal dak li ddeduċa l-attur fl-att taċ-ċitazzjoni, illi x-xogħol sar mhux skond is-sengħa u mhux skond l-ordni;

*Omissis;*

Għalhekk, xejn ma għandu x'jilmenta l-attur dwar daqshekk;

Kwantu għad-difetti, li ġieb il-quddiem l-attur, ma hemmx ħlief tnejn li jistgħu jilleġittimaw l-intervent ġudizzjarju, sa ċertu pont, u dawn huma (1) il-laxk li hemm f'parti tal-bieba tal-garage, ċjoè ta' dak li l-attur biegħ lill-ħuħ Paolo Fenech (fol. 64), li għak-kawża tiegħu l-bieba toħroġ iżjed il-barra mill-blata tal-"concrete" li hemm fl-apertura tal-garage, imsemmi dan id-difett fil-para. (3) tar-relazzjoni tal-periti perizjori (fol. 83-84), u (2) id-difett fil-guffuni, konsistenti filli dawn ma jikkombaċjawx perfettament, rilevat fil-para. (1) ta' l-istess relazzjoni;

L-allegati difetti oħra, li minnhom ilmenta l-attur ma humiex tali, jew għax ma jeżistux, jew għax talment insinifikanti li ma għandhomx jitqiesu, minħabba li huma ħaġa pjuttost ta' pika jew emulazzjoni, jew għax kaġunati mill-fatt li l-attur iddawwar ħafna biex iqiegħed il-bibien;

*Omissis:*

Kwantu għat-tielet domanda, dwar id-danni;

Huwa veru li jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn is-sempliċi dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni, li tivverti

fuq l-"an', u l-likwidazzjoni tagħhom ("quantum") — ara Kollez. XXIX-II-331. Iżda, anki għas-sempliċi deklaratorja ta' responsabbiltà għad-danni jeħtieġ li l-Qorti tkun persważa li ma hix eskluża l-possibbiltà tagħhom (Coen — voce Danni e Responsabilità, para. 1468). Issa, f'dan il-każ, meta wieħed jirrifletti li xi mankamenti żgħar, li minnhom kien għall-bidu jilmenta l-attur, ġew prontament rimedjati mill-konvenut, illi l-istess attur ittarda ħafna biex qiegħed il-bibien u jagħmel ix-xogħolijiet, li wieħed mid-difetti superjorment imsemmijin hu rimedjabbli b'żewġ rażżi u l-ieħor b'sagħtejn xogħol ta' limar minn ħaddied, li għal dawn id-difetti żgħar appena kien hemm bżonn l-apparat ta' dan il-proċess, li ebda wieħed miż-żewġ difetti fuq imsemmijin ma jirrendi l-garages inutilizzabbli jew anqas utilizabbli, għandu jiġi għall-konklużjoni li ma seta' kien hemm ebda dannu; u għalhekk anki s-sempliċi deklaratorja tibqa' inattendibbli;

Ikkunsidrat, dwar il-kap tal-ispejjeż;

Il-Qorti għamlet għap-propożitu dawn ir-riflessjonijiet. Ix-xogħol ta' riparazzjoni, li hu rikjest fil-fattispeċje, hu talment żgħir li l-kawża setgħet aġevolment saret fil-Qrati Inferjuri u setgħu ġew evitati l-ispejjeż akbar ta' kawża fil-Qrati Superjuri; dan kien dejjem ritenut motiv ta' temperament fil-kap tal-ispejjeż. Fiċ-ċitazzjoni, għalkemm mhux in linea ta' domanda "ad hoc", imma bħala bażi tal-istanza, ġie dedott li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u skond l-ordni, dak li ma jirriżultax, anzi rriżulta li x-xogħol, bħala kwalità, kien aħjar milli soltu jsir f'bibien simili. Sija jekk wieħed iħares lejn il-kontenut tad-dikjarazzjoni fol. 3, kemm jekk jikkunsidra x-xhieda tal-attur fol. 48 et seq., isib illi mid-difetti pretiżi eżistenti mill-attur irriżultaw biss dawk miġjuba f'din is-sentenza, li per ġjunta huma ferm żgħar. Infine, jittrapela mill-proċess l-element ta' dik li miż-żmien tad-Dritt Ruman tissejjaħ "emulazzjoni", li għandha tiġi repressa. Infine, il-perizja addizzjonali, li għaliha nsista li jirrikorri l-attur, mhux talli ma tatx raġun lill-istess attur, imma anzi llumeġġjat aktar it-tenwità tad-difetti, oġġett tal-ilment tal-attur. Dan kollu għandu jinfluwixxi fuq l-allokazzjoni tal-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi ulterjorment;

Billi tipprefiġġi lill-konvenut żmien għaxar tijiem millum biex jirrimedja għad-difett tal-ġuffuni msemmi fl-ewwel paragrafu tat-tieni relazzjoni fol. 83 bix-xogħol tal-limar imsemmi fix-xhieda tal-Avukat Dr. Pace fol. 90, u biex iqiegħed iż-żewġ razzi minn naħa ta' barra taċ-ċaċċiż imsemmijin fil-para. 3 tat-tieni relazzjoni fol. 83-84, u dan għas-sodisfazzjon ta' wieħed mill-periti addizzjonali, ċjoè Dr. Pace, li għandu jippreżenta nota wara l-attijiet ta' dan il-proċess li fiha jiddikjara, jekk ikun il-każ, li x-xogħol sar soddisfaċentement; fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur jagħmel l-istess xogħol huwa stess, taħt l-istess direzzjoni, bi spejjeż tal-konvenut; u b'hekk u f'dan is-sens qegħdin jiġu provvduti l-ewwel u t-tieni talba;

Tiċħad it-tielet domanda;

L-ispejjeż jibqgħu provvduti "uti infra" (ħlief dawk ġa provvduti fis-sentenza fol. 31) :— Kwantu għall-ispejjeż tal-ewwel u t-tieni domanda, dawn jitħallsu tmien parti minn disa' mill-attur, u parti waħda minn disa' mill-konvenut. L-ewwel perizja titħallas fl-istess proporzjon. It-tieni perizja titħallas interament mill-attur. L-ispejjeż tat-tielet domanda jibqgħu għak-kariku tal-attur.